

# L-Artal ta' San Ġużepp fil-Mosta

**Kitba ta' Mark Micallef**
*B. Accty (Hons)*

Wara li l-Mosta saret parroċċa fis-16 ta' Settembru 1608, il-Kappillan Dun Ġwann Bezzina beda jaħseb biex jibni knisja akbar. Għalhekk qabbad lill-Arkitett magħruf Tumas Dingli sabiex jieħu ħsieb dan ix-xogħol.

## L-Artal ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Tumas Dingli

Dwar il-forma u tagħrif ieħor fuq din il-knisja parrokkjali tal-Mosta, nistgħu nsibu ħjiel minn dak li tħalla bil-miktub fiż-żjajjar pastorali li l-isqfijiet ta' Malta kienu jagħmlu minn żmien għal żmien. Din il-knisja prinċipali tal-Mosta kellha numru ta' għaxar artali fosthom wieħed iddedikat lil San Ġużepp li kien imwaqqaf minn Ġorġ Galea. Ma nsibx ħafna informazzjoni dwar dan l-artal. Biss jingħad li l-pittura fuq dan l-artal kienet tirrappreżenta l-ħarba tal-familja Mqaddsa lejn l-Eġittu.

## L-artal ta' San Ġużepp fir-Rotunda

Wieħed mill-artali li nsibu fir-Rotunda huwa ddedikat lill-Għarus tal-Verġni Marija. Il-kwadru ewlieni ta' dan l-artal jirrappreżenta l-Għerusija ta' San Ġużepp mal-Madonna. Għalkemm ma nsibux referenza diretta lejn dan il-misteru, San Mattew fl-ewwel kapitlu, vers 24, jgħidilna li wara li qam mir-raqda, għamel kif kien għamarlu l-anġlu u ħa lil Marija b'martu. Dan il-kwadru huwa xogħol l-artist Giuseppe Bonnici (1834-1900) u sar fl-1859, proprju mija u ħamsin sena ilu, f'Ruma, taħt id-direzzjoni ta' Tommaso Minardi (1787-1871), is-Surmast ta' Bonnici. Il-kompożizzjoni tal-kwadru turi lix-xwejjaħ San Ġużepp qiegħed jieħu lil Marija b'martu quddiem is-Saċerdot tat-tempju. Madwarhom jidhru xi qraba jew ħbieb mistednin qegħdin iħarsu. Fuq mal-ġenb insibu anġlu, bi tliet puttini miegħu, iżomm ġilju, simbolu taż-żwieġ verġinali. Huma ħafna li kkummentaw li San Ġużepp, kif inhu mpitter minn Bonnici, huwa xiħ wisq fejn il-Madonna li tidher naqra ta' tfajla. X'aktarx li Bonnici għamel hekk biex jagħmel bħal pitturi rinomati ta' qablu li dehrilhom li jekk iġibu lil San Ġużepp xiħ, tispikka aktar il-verġinità ta' Marija.

Fuq kull naħa tal-artal insibu żewġ kwadri oħra











wieħed jirrapreżenta lill-Familja Mqaddsa tistrieħ waqt il-ħarba lejn l-Eġittu filwaqt li l-kwadru l-ieħor juri l-Mewt tal-Patrijarka San Ġużepp.

Il-kwadru li juri l-mistrieħ tal-Familja Mqaddsa waqt il-ħarba lejn l-Eġittu huwa xogħol ieħor ta' Giuseppe Bonnici li sar fl-1866. Dan insibuh fil-Vanġelju skont San Mattew fit-tieni kapitlu, vers 14. Il-kwadru ma fihx movimenti, imma jindika serenità kbira.

Fil-fatt il-kwadru juri lill-Familja Mqaddsa taħt il-protezzjoni ta' San Ġużepp, il-missier putattiv ta' Sidna Ġesù Kristu, ikkonfortati miż-żewġ anġli.

Il-kwadru l-ieħor juri l-mewt qaddisa tal-Patrijarka San Ġużepp li tpitter minn Salvatore Barbara fl-1861. Din il-pittura hija xogħol li tirrifletti idjoma purista li tirrifletti l-istil ġdid tan-Nazzareni. Fil-fatt il-kompożizzjoni ta' dan il-kwadru turi lil San Ġużepp fuq is-sodda tal-mewt filwaqt li qiegħed jiġi kkonfortat minn Sidna Ġesù Kristu u l-Madonna. L-għan ta' dan il-moviment kien li jqanqal biss devozzjoni u Salvatore Barbara flimkien ma' xi wħud minn sħabu l-pitturi l-oħra bħal Cortis, Bonnici u Caruana ħadmu bl-istess stil ta' pittura.

Dawn it-tliet kwadri ta' din il-kappella kienu ħallsu għalihom l-aħwa saċerdoti Chetcuti, jiġifieri



l-Monsinjur Dun Ġużepp u Dun Ġlormu flimkien ma' ħuhom l-ieħor Dun Salv.

**Referenzi**

**Kotba, kapitli u artikli:**


Vella, E.B. u awturi oħra. Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha (Malta, 1972).

Cassar, George, Borg, Joseph G.M. Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet (Malta, 2007).

Deguara Frans, IL-MOSTA Ġrajjietha u Niesha (Malta, 2008).

Cassar, George, Vassallo, Louis. Minn tiġrib il-qedem IL-MOSTA tfassal ġrajjietha (Malta, 2008).



